**24 ta' Jannar, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Henry A. Pace noe

*versus*

Avukat Dottor Giovanni Bonello et noe

**Mutwu — Terminu — Dekadenza — Art. 1122, Kodiċi Ċivili**

*Id-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien jekk isir mhux solvibbli, jew jekk l-istat tiegħu jkun hekk tbiddel li jqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, jew jekk b'egħmilu jkun naqqas il-garanziji illi skond il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew jekk ma jkunx ta il-garanziji li kien wegħdu.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine — wara li ppremetta illi d-ditta attriċi (1) silfet lill-konvenut is-somma ta' tlett mitt lira (£300) in data tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru, 1962, liema ammont kellu jitħallas b'rati mensili ta' ħamsin lira (£50) il-waħda b'effett mit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru, 1962; ...Omissis...u li l-istess konvenut ad insaputa ta' l-attur nomine u anzi kontra d-dikjarazzjoni espressa tiegħu biddel u naqqas il-garanzija tad-ditta attriċi waqt il-mument tas-self u dana billi kien qal allura li kellu

jsiefer għal ftit ġranet mentri allura rriżulta li mhux fi ħsiebu jirritorna Malta u b'hekk ġie li iddekada mill-benefiċċju tat-terminu fis-sens tal-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili — talab li l-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni li huwa iddekada mill-benefiċċju li jħallas b'rati mensili ta' ħamsin lira (£50) il-waħda s-self ta' tliet mitt lira (£300) lilu magħmul fit-tmiennja u għoxrin (28) ta' Settembru, 1962, u dana mħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija, jiġi kkundannat iħallas lilu s-somma ta' tliet mija, sitta u sebgħin lira, sittax-il xelin u żewġ soldi (£376.16.2) minnu dovuti kwantu għal tliet mitt lira (£300) in restituzzjoni ta' ammont lilu misluf fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru, 1962;

Omissis;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li ssottomettew:

Omissis;

Illi, fil-meritu, huwa jinvoka favur tiegħu l-benefiċċju tat-terminu stipulat fil-mutwu, ċioè, bir-rati ta' ħamsin lira (£50) fix-xahar. Il-konvenuti ma iddekadux minn dan il-benefiċċju, u mhuwiex minnu li għamel dikjarazzjoni espressa li ma kienx bi ħsiebu jsiefer.

Omissis;

Billi mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta sodisfaċentement illi mill-jum li fih id-ditta attriċi għamlet lill-konvenut il-mutwu indikat fl-att ta' ċitazzjoni l-istat ekonomiku ta' l-istess konvenut mar għall-agħar b'mod illi hija ġustifikata l-pretensjoni ta' l-istess ditta attriċi illi l-konvenut ma' baqax jimmerita t-terminu li ġie lilu mogħti għar-restituzzjoni ta' l-imsemmi mutwu......Omissis......

Respinti l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-kuraturi konvenuti;

Tiddeċiedi, previa d-dikjarazzjoni mitluba mid-ditta attriċi għad-dekadenza tal-konvenut mill-benefiċċju tat-terminu adesivament għall-istanza, bl-ispejjeż, u ma tieħux konjizzjon ta' l-eċċezzjoni tad-difett ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti billi dina ġiet ritirata, u lanqas ma kien hemm lok għaliha.